Laqgħa tal-Kunsill Lokali Għajnsielem

MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL
L-GHAXAR KUNSILL

SEDUTA NRU. 28– It-Tnejn 28 ta' Settembru 2026 fis-2:30 ta' wara nofsinhar.
Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċju tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 28 ta' Settembru 2026 fis-2:30 ta' wara nofsinhar.

Preżenti :

Kevin Cauchi	Sindku
Joseph Debono	Viċi Sindku
Larry Buttiġieġ	Kunsillier
Stephen Mercieca	Kunsillier
Teddy Saliba	Kunsillier
Lucienne Haber	Segretarju Eżekuttiv

28.1 Talba

28.1.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

28.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

28.2.1 Inqraw il-Minuti u ġew ikkonfermati.

28.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija

27.3.1 Ma kien hemm ittri ta' apologija.

28.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

28.4.1 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għat-talba minn cat feeder sabiex issir Cat Shelter ġdida fi Triq Benghazi biswit il-ħarruba quddiem Trejqet Dun Karm Cassar ħdejn il-mechanic. Sabiex issir din trid titpoġġa fuq il-bankina. Il-Kunsill approva din it-talba bil-patt li jekk ikun hemm xi oġġezzjoni mir-residenti li ma jistgħux jgħaddu minn fuq il-bankina jkollha titneħħa. Sar qbil li għandna nitolbu lit-taqsima tal-mastrudaxxi fi ħdan id-Dipartiment tal-Proġetti tal-Ministeru għal Għawdex sabiex jagħmlulna waħda.

28.4.2 Is-Sindku għamel referenza wkoll għat-talba li saret minn cat feeder sabiex il-Cat Shelter ta' Triq Ixprunara tinbidel u ssir oħra ġdida peress li qed tispiċċa bl-elementi. Sar qbil li għandna nressqu din it-talba flimkien ma' ta' qabilha.

28.4.3 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għall-inċident fejn ġejna mitluba mill-puluzija nagħtu filmat tas-CCTV ta' inċident fejn ħaddiem ta-kunsill waqt li kien qed jipparkja fil-parkeġġ ta' Bethlehem laqat b'mod aċċidentali qattus li jidher li qasam minn taħt il-vettura tieghu sabiex jmur għall- ikel biswit vettura oħra ta' cat feeder li jitma il-qtates fiż-żona. Il-filmat juru fiċ-ċar li kien inċident u qatt sid il-vettura ma seta jara il-qattus jaqsam. Il-problema hija li dan il-cat feeder partikolari li jieħu ħsieb wkoll il-paġna ta' facebook 'Għajnsielem Cats' huwa intiż li jagħmel ħsara lil Kunsill anke billi jixxerja emails privati u allegazzjonijiet infondanti. Illum iccekjajna jekk hux registered cat feeder u filfatt ma hux. Dan l-individwu minn meta għidnilu li ma jistax jieħu parti mit-Taverna sabiex jitrasformaha f'Cat Cafe, ħadha kontrina u qed jagħmel ħafna rapporti nfondanti fuq dak u fuq l-ieħor.

28.4.4 Ġiet trattata t-talba li rċevejna minn Friends of the Earth sabiex napplikaw magħhom għall-applikazzjoni tal-NEB bħala partners sabiex waqt festi u attivitajiet jibdew jintużaw tazzi li jkunu 'reusable' iżda naturalment dawn jridu jittieħdu lura lejn il-bejjiegħ tax-xorb għax inkella jitilfu id-depositu. Il-Kunsill qabel li filwaqt li l-kunċett huwa tajjeb iżda mhux prattiku għax it-tazzi jridu jerġgħu jinħaslu biex jerġgħu jintużaw u minħabba l-load u bix-xogħol li jkun hemm waqt dawn l-attivitajiet u anke minħabba problemi ta' iġene.

28.4.5 Is-Sindku rrefera għat-talba li ressqu l-għaqda tan-Nar 10 ta' Diċembru fejn talbet lil-Kunsill Lokali sabiex tingħata kopja tal-Kuntratt tad-devoluzzjoni tal-art ta' Passi sabiex tara dwar il-possibilta' li tiżviluppa il-parti tal-lukanda f'attrazzjoni għal Milied u s-sena kollha. Naturalment dan sabiex jaraw jekk hux possibbli li dan isir u jekk hemmx kundizzjonijiet oħra li jagħmluha diffiċli li jinvestu f'proġett bħal dan għal numru ta' snin. Il-Kunsill iddiskuta fit-tul din il-proposta u sar qbil li ghandna nibghatu kopja tal-kuntratt lill-avukat tal-Kunsill sabiex jinterpreta l-kuntratt hu. Il-Kunsill qabel li l-issue li qed tinkwetah dwar din il-materja hu li qed toħloq preċedent m'għaqdiet oħra speċjlament jekk 'l quddiem isir park. Gie diskuss x'jista jigri jekk l-ghaqdiet l-ohra jkunu jridu jaghmlu l-istess.

28.4.6 Is-Sindku għamel referenza għal problema li għanda dwar il-ġbir tal-bins minħabba li l-ħaddiem li qed jieħu ħsieb qed jsibha diffiċli li jkompli jagħmel dan ix-xogħol minħabba kundizzjoni ta' saħħa filwaqt li ħaddiem ieħor mill-ġodda li daħal ġie trasferit ma' Kunsill ieħor fuq talba tiegħu stess. Preżentament biex inbattlu l-bins qed ikollna nużaw lil ħaddiema. Huwa għamel referennza wkoll li għandna bis-sigħat li qed jagħtu l-ħaddiema tal-iskema. Dawn qed jagħtu ftit sigħat u ġie rakkommandat li dawk il-ħaddiema li ma jagħmlux is-sigħat tagħhom jingħataw il-performance bonus minima.

28.4.7 Is-Sindku għamel referenza għal fatt li t-tipper truck il-ġdid li ser ikun iffinanzjat mill-iskema tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali wasal u ġbarna kwotazzjonijiet tal-orħos insurance. Sar qbil li għandna mmexxu ma' l-orħos offerta dik ta' Laferla u l-vettura ser tkun inxurjata full.

28.4.8 Saret referenza għat-talba li rċevejna talba sabiex tiġi nstallata bozza ġdida fiż-

żona tal-heliport fejn sid l-għaqla li ressaq it-talba lest li jħallas l-ispejjeż relatati mal-bozza. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

28.4.9 Is-Sindku spjega kif l-istickers tat-towing għat-trailors u karozzi abbandunati jinsabu lesti iżda il-pulizija infurmawa li jrid jsir proċess li jinkludi rapport mal -puluzija u avviż fil gazzetta tal-gvern. Sar qbil li għandna nitolbu lill-avukat tal-Kunsill biex jipprovdilna l-passi kollha necessarji biex nimxu fuqhom.

28.4.10 Is-Sindku Kevin Cauchi faħħar l-inizjattiva li l-Wied il-Kbir tal-Imġarr tnaddaf mill-Ministeru għal Għawdex mill-qasab u speċi invażiva kemm fil-parti ta' fuq taħt il-playingfield Amabile Cauchi u il-parti t'isfel biswit il-Port tal-Imġarr. Issa qed nibgħatu il-ħaddiema sabiex fejn jarawxi qasba tiela' mill-Arkata sal-Playingifeld tinqala' u jibqa nadif sabiex l-Arkata meta tinbena titgawda mill-playingfield il-ġdid. Naturalment il-parti t'isfel tax-Xatt huwa diffiċli li jinżamm mingħajr qasab minħabba il-kobor li fih. Jidher iżda li hemm potenzjal wkoll għal ilqugħ tal-ilma sabiex l-ilma tax-xita ma' jintilfix il-baħar. Nittamaw li s-sena d-dieħla l-Ministeru għal Għawdex jibnulna l ħitan tas-sejjieħ. Il-Kunsillier Larry Buttigieg staqsa x' possibilita' hemm li n-naħa ta' fuq u n-naħa ta' isfel isir lqugħ. Sar qbil li għandna nibgħatu email ta' ringrazzjament lill-Ministeru għal Għawdex għal dan il-proġett u nressqu t-talba li jsiru lqugħ.

28.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

28.5.1 Il-kunsillier Larry Buttigieg semma' li dan l-aħħar ġie zvelat kif inbdiet din it-tradizzjoni tal-ilbies bid-drapp l-istess tal marċ tal-Balzunetta. Huwa propona li dawn il-persuni li bdew din it-tradizzjoni għandhom jiġu rikonoxxuti waqt attivita' qrib il-festa. Sar qbil li dan ir-rikonoxximent għandu jingħata waqt Għajnsielemfest 2027.

28.5.2 Il-kunsillier Stephen Mercieca propona sabiex issir sleeping police ħdejn il-playing field tal-Gudja. Is-sindku kkonferma li din hija meħtieġa ħafna u naraw x' l-orħos option, peress li l-problema tagħha hija l-ispejjes biex tagħmilha.

28.5.3 Il-kunsllier Stephen Mercieca talab ukoll sabiex isiru slow markers bħalma għamlu fi- Triq il-Qala u nimplimentawhom għal Triq l-Imġarr.

28.5.4 Il-kunsillier Stephen Mercieca talab sabiex issir mera faċċata tal-isqaq fi Triq l-Imġarr. Sar qbil li għandha titwaħħal .

28.5.5 Il-kunsillier Teddy Saliba talab sabiex is-siġar li jinsabu fil- pots ta' quddiem il-każin tal-banda jinbidlu għax nixfu u wkoll qegħdin ta' periklu. Sar qbil li għandhom jinbidlu.

28.5.6 Is-Sindku Kevin Cauchi f'isem il-Kunsill irringrazzja lill-kunsillier Teddy Saliba u lill-Għaqda Ħbieb Presepju Għajnsielem tal-Konvenju Internazzjonali li għamlu f'Għajnsielem fejn żgur li kompla jpoġġi lill-Għajnsielem fuq quddiem fil-mappa ntrenazzjonali fejn jidħlu talenti.

28.5.7 Il-kunsillier Teddy Saliba ressaq it-talba ta' xi uħud sabiex norganizzaw ħarġa għall-anzjani f'Ottubru, xi Weekend break u ukoll ġita ta' ġurnata Sqallija. Il-Kunsill qabel

ma' din il-proposta u sar qbil li għandna niġbru stimi għal ġurnata Sqallija li tinkludi shopping fil-monti u Centro Sicilia fix-xahar ta' Novembru.

28.6 Korrispondenza

28.6.1 Ġiet trattata l-korrispondenza rigward Stedina għal Jum Għawdex – l-Erbgħa 28 t'Ottubru permezz ta' quddiesa fis-6.00pm u Stedina oħra ta' Quddiesa fl-okkazzjoni tal-festa ta' Sant' Ursula l-Ħadd 25 ta' Ottubru fis-6.00pm.

28.6.2 Sar qbil li għandna nibghatu email lill-Kumitat Għawdex Victoria 2031 fejn nifirħulhom li r-Rabat Għawdex intagħzel bħala il-Belt Kulturali 2031.

28.6.3 Ġiet trattata l-għotja li ser tingħatalna mill-MTA ta' €6000 għal-Bethlehem f'Għajnsielem u Siġra tal-Milied.

28.7 Halloween

28.7.1 Is-Sindku rrefera għal problema li għandna din is-sena b'din l-attivita' peress li l-Fondi allokati lilna mill-Cultural Fund tal-Ministeru għal Għawdex huwa biss ta' €1500. Għalhekk irridu naraw kif ser norganizzaw l-attivita' billi nbiddlu l-kunċett.

28.7.2 Sar qbil li għal din is-sena billi tnaqqsu sostanzjalment il-fondi, għandna neliminaw il-parti ta' animazzjoni ġod-dar. Sar qbil pero li għandna nintroduċu l-attivita ta' t-trick or treat billi nistiednu lir-residenzi li jixtiequ jipparteċipaw biex jirregistraw u noħolqu speċi ta' mappa b'dawn id-djar.

28.8 Milied u Bethlehem f'Għajnsielem

28.8.1 Is-Sindku propona li issa li l-Milied qiegħed joqrob ġmielu għandha tinżamm laqgħa tal-Kumitat ta' Bethlehem f'Għajnsielem biex jiġi mfassal il-programm. Sar qbil li l- laqgħha għanda ssir nhar l-Erbgħa 30 ta' Settembru fis-6:30pm fl-uffiċju tal-Kunsill.

28.8.2 Is-Sidku kkonfermal li l-Kunsill se jingħata €17,000 mill-Ministeru għal Għawdex għall-organizazzjoni ta' Bethlehem f'Għajnsielem u Siġra tal-Milied 2026. S'issa għad m'hemmx risposta dwar l-ammont ta' fondi li ser nieħdu mill-iskema tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

Huwa spjega li saru t-talbiet minn naħa tagħna għal ħaddiema u l-Minsiteru diġà beda jibgħat teams għal għajnuna fil-kostruzzjoni u tindif.

28.8.3 Il-kunsillier Larry Buttigieg staqsa dwar x'ser isir għat-tiswijiet tal-kmamar mill-ħsarat mġarrba minn storm harry. is-Sindku wieġbu li l-Għaqda tal-Armar ħa jirranġaw il-ħsarat bil-fondi miksuba u ser jigu wkoll l-mastrudaxxi jagħmlu xi xogħolijiet huma wkoll.

28.8.4 Sar qbil li għandna nikkuntatjaw lid-Direttur Ivan Attard sabiex jibgħat xi mastrudaxxi biex jirrangaw ir-railing fejn tħawwlu s-siġar taż-żebbuġ.

28.9 Update Proġetti

Ġiet preżentata update tal-progetti li għadna għaddejjin fosthom:-

28.9.1 **Triq Hamri**

- Qed nistennew mill-kuntrattur għat-tieni saff.

28.9.2 **Proġett ta' Bollards, pavimentar u illuminazzjoni quddiem il-każini.**
- Qed jigi ippjanat sabiex ix-xogħol jinbeda fil-ġimghat li ġejjin.

28.9.4 **Proġett Water Catchment Pjazza tad-Dehra**
Ix-xogħol tkompla u l-ġiebja ssaqqfet. Issa jinħtieġ li jitkompla l-pavimentar u l-embellishment. Ix-xogħol fuq it-taraġ ta' Fuq il-Għajn miexi tajjeb fejn il-hardstone travertine tpoġġa u planters lesti u issa qed nistennew ir-railings jiġu bil powder coating. Aktar minn 75% tal-proġett huwa komplut. Se jsiru xi modifiċi fil-proġett oriġinali sabiex parti minn din il-ġibja tintuża bħala trapping qabel l-ilma jmur fil-ġibja tal-playingfield.

28.9.5 **Proġett Playingfield Amabile Cauchi**

- Ġiet approvata estensjoni sabiex jitlesta f'Novembru minflok Settembru

28.9.6 **Bini Arkata**
- Tnaddaf il-wied u qed jsir il-pjanta wara li sar survey u inkixfu il-pedamenti oriġinali sabiex jiġi ordnat il-ġebel biex ikun jista' jingħata bidu għal dan il-proġett.

28.9.7 **Tisqifa daħla tal-Iskola u Tkabbir tat-terrazin**
- L-applikazzjoni mal-Awtorita tal-lppjanar ġiet sottomoessa.
- Qed nistennew mill-Lands 'No objection'
- Għalissa il-proġett xorta se jkun wieqaf sakemm jinstabu fondi neċċesarji.

28.9.8 **Ġnien quddiem il-Kunsill**
- Saret talba mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex il-bilanċ ta' dan il-proġett imorru fuq il-proġetti tal-Arkata, Lourdes u Taraġ antik għax milli jidher dan il-proġett kien ser jieħu ħafna fit-tul biex jinbeda.

28.9.9 **Tisbiħ madwar il-Kappella ta' Lourdes**

- Ix-xogħol mistenni jibda f'Diċembru jew Jannar peress li ser ikun hemm xi tigijiet pjanati u biex ma jispiċċax sit ta' kostruzzjoni.

28.9.10 **Pjazza Madonna ta' Loretu u Kampnar**

- L-specifications tat-tender tal-Pjazza huwa lest u jinsab fl-aħħar fażi tiegħu sabiex jiġi ppublikat. Il-proġett tal-kampnar se jiġi amministrat mill-parroċċa filwaqt li l-Kunsill jkun partner u jitnużaw kif approvat fl-aħar laqgħa l-fondi tad-DPF tal-Awtorita tal-Ippjanar.

28.10 Ġieħ Għajnsielem

28.10.1 Is-Sindku għamel referenza għal Ġieh Għajnsielem 2026 u li hemm diversi persuni li ħaqqhom ġieħ iżda huwa jħoss li l-eks Sindku Franco Ciangura jimmerita dan il-ġieħ għal ħidma tiegħu bħala Sindku u b'mod speċjali għall-impenn sħiħ li dejjem wera għal Bethlehem f'Għajnsielem u s-Siġra tal-Milied. Il-Kunsill qabel anonimament ma' din il-proposta.

28.11 Approvazzjoni tal-Pagamenti

28.11.1 Ġiet preżentata l-iskeda tal-pagamenti numru 157 għall-approvazzjoni. Il-pagamenti ġew approvati.

28.12 Materji oħra

28.12.1 Ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskussi.

28.13 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

27.13.1 Il-laqgħa ntemmet fl-4:30pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Hamis 15 ta' Ottubu 2026 fit-2:30 ta' wara nofsinhar.

Kevin Cauchi
Sindku

Lucienne Haber
Segretarju Eżekuttiv